c) Theresa Carmen Batayeh (passaport Amerikan numru 509997784) ta' 6142, Eagle Trace Drive, Ypsilanti, Michigan, MI 48197, L-Istati Uniti tal-Amerika;

Louis Attard (karta tal-identita' numru 61557G) u għal kull interess li jista' jkollha martu Maria Attard (karta tal-identita numru 23862G) ta' Marylou, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri, Għawdex;

George Scicluna (karta tal-identita numru 16788G) u Dottor Catriona Scicluna (karta tal-identita numru 1391G) ta' 2, 'Żernieq', Triq Għajn Mhelhel, Iż-Żebbuġ, Għawdex ,

versus

Dr Carmelo Galea li b'digriet tal-21 ta' Jannar, 2022, ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrappreżeta l-eredità ta' Baskal Cachia.

Rikors ta' Josephine Said (karta tal-identità numru: 16631G) et

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Louis Attard, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 61557G, jikkonferma filwaqt li jiddikjara li huwa jaf bil-fatti hawn esposti personalment:

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Sworn Application number 83/2021

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Josephine Said (identity card number 16631G) of 31, Assumption Street, Victoria, Gozo;

John Mary Said (identity card number 34961G) of 12, 'Great Lakes", Triq l-Għasfur tal-Bejt, Fgura, Malta, in his own name and on behalf of his siblings:

a) Mary wife of Joseph Farrugia (Maltese passport number 1194673) of 2570, Chisholm Avenue, Mississauga, Ontario, Canada,

b) Joseph Said [American Passport Number 494 374 278] of 31002, Beechnut Street, Westland, Michigan, MI 48186-5092, United States of America,

c) Theresa Carmen Batayeh (American passport number 509997784) of 6142, Eagle Trace Drive, Ypsilanti, Michigan, MI 48197, United States of America;

Louis Attard (identity card number 61557G) and for all interest that it may have his wife Maria Attard (identity card number 23862G) of Marylou, Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Gozo;

George Scicluna (identity card number 16788G) and Doctor Catriona Scicluna (identity card number 1391G) of 2, 'Zernieq', Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Gozo,

versus

Dr Carmelo Galea, who by decree dated 21st of January, 2002, was appointed Deputy Curator to represent the heirs of Baskal Cachia.

Application of Josephine Said (identity card number 16631G) et

Humbly submit and under oath Louis Attard, holder of identity card number 61557G, confirms and declares that he is personally aware of the facts listed hereunder:

1. Illi r-rikorrenti flimkien mal-eredi mhux magħrufa ta' Baskal Cachia huma komproprjetarji ta' porzjon raba' li rriżultat wara li waqgħet id-dar bin-numru tnejn (2), ġja numru ħamsa u erbgħin (45) jew numru verjuri, fi Triq il-Knisja, l-Għasri, tal-kejl ta' ċirka mija u żewġ metri kwadri (102 m.k.), tmiss Punent mat-triq, Nofsinhar ma' sqaq, u Lvant ma' beni ta' John Abela u John Azzopardi jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, libera u franka, bil-pussess vakant u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif murija aħjar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A;

2. Illi r-rikorrenti Louis Attard huwa l-proprjetarju tan-nofs indiviż (1/2) tas-sit deskritt fl-ewwel paragrafu. Huwa kien xtara dan in-nofs indiviż mill-poter ta' Giorgio Attard u martu Rose née Cini permezz ta' kuntratt ta' xiri datat l-ewwel (1) ta' Ġunju, 1984, ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri (Dokument B). Giorgio Attard kien akkwista din il-proprjetà mill-wirt u s-suċċessjoni tal-ġenituri tiegħu u ċjoè Luigi Attard u Grazia née Vella, li mietu rispettivament fl-erbatax (14) ta' Ottubru, 1932, u fit-tmienja (8) ta' Settembru, 1948. In-nofs indiviż l-ieħor tal-proprjetà kien jappartjeni lil Gio Maria Vella, l-awtur fit-titolu tar-rikorrenti kollha (eskluż Louis u Maria konjugi Attard u George u Catriona konjuġi Scicluna) u l-intimati;

3. Illi Gio Maria Vella miet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu, 1957 (Ċertifikat Dokument C). Kopja tar-ricerka tat-testmenti sigrieti hija annessa u markata bħala Dokument C1. Gio Maria Vella rregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment tas-sittax (16) ta' Mejju, 1956, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil (Dokument D). F'dan it-testment, huwa innomina bħala l-werrieta universali tiegħu lil uliedu Carmelo Vella, Maria mart Salvu Cachia, Rosina Vella u Carmela mart Manuel Grech, f'porzjonijiet ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni ta' wliedhom f'każ ta' premorienza tiegħu stess, u bl-akkrexximent skont il-liġi f'każ ta' premorienza ta' xi eredi li ma jkunx ħalla tfal jew dixxendenti oħra. Fid-denunzja ta' trasferiment ta' ġid relattiva datata tmintax (18) ta' Ottubru 1957 (Nru. 275/57) (Dokument E), il-fond in kwestjoni huwa deskritt fil-paragrafu numru għaxra (10). Għaldaqstant, mal-mewt tiegħu, il-proprjetà iddevolviet fuq l-erba' wlied tiegħu, biex kull wild sar proprjetarju ta' parti waħda minn tmienja (1/8) indiviża tal-fond in kwestjoni;

4. Illi Maria u Salvu Cachia kellhom erba' wlied: Josephine mart Louis Said, Theresa mart Sam Black, Baskal Cachia, u Angiolina mart Leonard Cridland. Maria Cachia mietet intestata fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju, 1962 (Dokument F). Il-wirt tagħha għalhekk għadda ex lege fuq l-erba' wlied tagħha, b'dana illi kull wild sar proprjetarju ta' sehem ta' parti waħda minn tnejn u tletin parti (1/32) indiviża tal-fond in kwestjoni. Il-proprjeta' in kwestjoni hija deskritta

1. That all the applicants together with the unknown heirs of Baskal Cachia are co-owners of a portion of land that resulted after the collapse of a house numbered two (2), previously forty five (45) or another number, in Church Street, Għasri, Gozo, measuring circa one hundred and two square metres (102 sq. m.) bounded on the west with the street, south with an alley, and east with property of John Abela and John Azzopardi or their successors in title, free and unencumbered, with vacant possession and with all its rights and appurtenances as, better shown on the site-plan hereto attached and marked as Document A;

2. That the applicant Louis Attard is the owner of and undivided half (1/2) of the property above-mentioned in the first paragraph. He had bought this undivided half from Giorgio Attard and his wife Rose née Cini by means of a contract of sale dated first (1st) June 1984, published in the acts of Notary Doctor Joseph Spiteri (Document B). Giorgio Attard had acquired this property from the inheritance and succession of his parents, and namely Luigi Attard and Grazia née Vella, who died respectively on the fourteenth (14th) of October, 1932, and on the eighth (8th) of September, 1948. The other undivided half of the property belonged to Gio Maria Vella, the predecessor in title of all the applicants (excluding Louis and Maria spouses Attard and George and Catriona spouses Scicluna) and the defendant;

3. Gio Maria Vella died on the twenty-eighth (28th) August, 1957 (Death Certificate marked as Document C). Copy of the testamentary searches is hereby being attached and marked as Document C1. Gio Maria Vella regulated his inheritance and succession by virtue of a will dated sixteenth (16th) May, 1956, published in the acts of Notary Dr John Busuttil (Document D). In this will, he nominated as his universal heirs his children Carmelo Vella, Maria wife of Salvu Cachia, Rosina Vella and Carmela wife of Manuel Grech, in equal portions between them, with the substitution of their descendants in the case of being predeceased, and with accretion as determined by the law in the case of being predeceased of an heir having left no children or descendants. In the relative notice of devolution of property passing on death dated eighteenth (18th) October 1957 (No. 275/57) (Document E), the premises in question is described in paragraph number ten (10). Therefore, upon his death, the property devolved on his four children, such that each child became the owner of one eight (1/8) undivided share of the premises in question;

4. That Maria and Salvu Cachia had four children: Josephine wife of Louis Said, Theresa wife of Sam Black, Baskal Cachia, and Angiolina wife of Leonard Cridland. Maria Cachia died intestate on the twenty-ninth (29th) July, 1962 (Document F). Her inheritance devolved ex lege on her four children, such that, each child became owner of one of thirty-two (1/32) undivided share of the property in question. The property in question is described in paragraph seven (7)

fil-paragrafu numru sebgħa (7) fid-denunzja relattiva għall-wirt u s-suċċessjoni tagħha li ġiet intavolata fl-uffiċċju tat-Taxxi Interni fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju, 1963, u li għandha r-riferenza numru 1294/63 (Dokument G). Kopja tar-ricerka dwar it-testmenti pubbliċi u sigrieti ta' Maria Cachia huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti G1 u G2;

5. Illi Rose sive Rosina Vella mietet nhar is-sittax (16) ta' Frar 1964 skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt anness bħala Dokument H. Kopja tar-riċerka dwar it-testmenti pubbliċi u sigrieti ta' Rose Vella huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti H1 u H2. Id-denunzja relattiva għall-wirt u s-suċċessjoni tagħha saret fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu, 1964 (Riferenza numru 94/64) (Dokument I). Rose Vella mietet mingħajr testment u allura peress li ma kellhiex dixxendenti, il-parti waħda minn tmienja (1/8) indiviż spettanti lilha mill-proprjetà tal-ġenituri tagħha ddevolva skont il-liġi fuq ħutha Carmela mart Manuel Grech u Carmelo Vella per capita, u fuq ulied Maria Cachia per stirpes;

6. Illi għaldaqstant, f'dan il-punt, l-aħwa Carmela Grech u Carmelo Vella kienu proprjetarji ta' parti waħda minn sitta (1/6) kull wieħed tal-fond in kwestjoni, filwaqt illi wlied Maria Cachia kellhom bejniethom parti waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża tal-istess fond kull wieħed;

7. Illi Angiolina mart Leonard Cridland, ċjoè bint Maria Cachia, mietet intestata nhar il-ħdax (11) ta' Mejju, 1968, u s-sehem tagħha konsistenti minn parti waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża tal-proprjetà li wirtet mingħand missierha u mingħand iz-zija tagħha Rosina Vella ddevolvew fuq it-tliet ulied tagħha Gerald Philip, Christine Anne Binnion, u Susan Lynne Garratt, aħwa Cridland;

8. Illi Carmela mart Manuel Grech mietet nhar l-erbgħa (4) ta' Marzu, 1988 (Dokument J), u rregolat il-wirt tagħha permezz ta' tliet testmenti: wieħed tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru, 1969; ieħor tal-ħamsa (5) ta' Diċembru, 1969; u l-aħħar testment tat-tletin (30) ta' Jannar, 1975 (kopja tal-aħħar testment hawn anness u mmarkat Dokument K). Ir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti ta' Carmela mart Manuel Grech huma annessi u mmarkati bħala Dokument L u M1 u M2. Fl-aħħar testment tagħha, Carmela Grech kienet iddikjarat illi l-beni kollha immobili u mobbli ġejjin mill-wirtijiet ta' missierha u ommha l-mejtin Gio Maria Vella u Teresa Vella nee Buttigieg, kif ukoll mill-wirt ta' oħtha mejta Rosina xebba Vella, kellhom jiddevolvu ma' mewtha bi prelegat a favur Josephine Said, mart Louis Said u bint oħtha Maria Cachia, u l-istess Josephine Said ġiet innominata wkoll bħala eredi universali tagħha. Fil-lista ta' beni immobili annessa mad-denunzja relattiva għall-wirt u s-suċċessjoni tagħha datata sbatax (17) ta' Ġunju, 1988 (numru G 302/88) (Dokument N), hemm dikjarat li Carmela Grech kellha parti waħda minn sitta (1/6) indiviżi tal-fond suriferit, u dan kif deskritti fil-paragrafu numru erbgħa

of the relative notice of devolution of her inheritance and succession which was filed with the Tax Department office on the twenty ninth (29th) of May, 1963, and which bears the reference number 1294/63 (Document G). A copy of the public and secret testamentary searches of Maria Cachia are hereby being attached and marked as Documents G1 and G2;

5. That Rose sive Rosina Vella died on the sixteenth (16th) February, 1964, as confirmed by the death certificate hereto attached and marked Document H. A copy of the public and secret testamentary searches is hereby being attached and marked as Documents H1 and H2. The relative notice of devolution of inheritance and succession was drawn up on the twenty-sixth (26th) March, 1964 (reference number 94/64) (Document I). Rose Vella died intestate, and therefore, in the absence of any descendants, the one eight (1/8) undivided share pertaining to her deriving from her parents' inheritance, devolved in accordance with law onto her siblings Carmela wife of Manuel Grech and Carmelo Vella per capita, and on the children of Maria Cachia per stirpes;

6. That, therefore, at this point, siblings Carmela Grech and Carmelo Vella each owned one sixth (1/6) undivided share of the property in question, whilst the descendants of Maria Cachia jointly held one of twenty four (1/24) undivided share of the same property each;

7. That Angiolina wife of Leonard Cridland, that is, the daughter of Maria Cachia, died intestate on the eleventh (11th) May, 1968, and her share, consisting of one of twenty four (1/24) undivided share of the property, that she inherited from her father and her aunt Rosina Vella, devolved on her three children Gerald Philip, Christine Anne Binnion and Susan Lynne Garratt, siblings Cridland;

8. That Carmela wife of Manuel Grech died on the fourth (4th) March, 1988 (Document J), and she regulated her succession by virtue of three wills: one dated twenty-ninth (29th) November, 1969; another dated fifth (5th) December, 1969; and the final will dated thirtieth (30th) January 1975) (a copy of the final will hereto attached and marked Document K). The testamentary searches for public and secret wills of Carmela wife of Manuel Grech are hereto attached and marked Documents L, M1 and M2. In her last will, Carmela Vella had declared that all property, movable and immovable, which had devolved unto her from the inheritance of her parents, the late Gio Maria Vella and Teresa Vella nee Buttigieg, as well as from the inheritance of her late sister Rosina née Vella, upon her death had to devolve by title of pre-legacy in favour of Josephine Said, wife of Louis Said and the daughter of her sister Maria Cachia, and the same Josephine Said was also nominated universal heir. In the list of immovable property annexed to the relative notice of devolution of property relative to inheritance and succession dated seventeenth (17th) June, 1988 (number G 302/88) (Document N), it is declared that Carmela Grech owned one of sixth (1/6) undivided shares of

(4). Għaldaqstant, f'dan il-punt, Josephine Said kienet proprjetarja ta' ħames partijiet minn erbgħa u għoxrin parti (5/24) indiviża tal-imsemmi fond;

9. Illi permezz ta' kuntratt ta' ċessjoni tal-ewwel (1) ta' Frar, 1982, ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo (Dokument O), Theresa mart Sam Black, ċediet u ttrasferiet lil Louis Said, miżżewweġ lil oħtha r-rikorrenti Josephine Said, id-drittijiet kollha reali u personali illi hija kellha fuq il-wirt u s-suċċessjoni ta' ommha Maria Cachia u ta' oħtha Rosina Vella (ċjoè parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24)) b'dana illi Louis Said flimkien mal-istess martu Josephine Said saru proprjetarji ta' sitta minn erbgħa u għoxrin parti (6/24) indiviża tal-fond mertu ta' dan ir-rikors;

10. Illi Louis Said miet nhar it-tlieta (3) ta' Settembru, 1998 (Dokument P). Kopja tar-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti tiegħu huma annessi u markati bħala Dokumenti P1 u P2. Skont l-istess riċerki, jirrizulta li huwa rregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu flimkien ma' martu Josephine Said permezz ta' testment unica charta fl-Atti tan-Nutar Antonio Galea datat sitta (6) ta' Settembru, 1972 (Dokument Q), li permezz tiegħu nnomina lill-erba' wlied tagħhom eredi universali tagħhom. Għaldaqstant, mal-mewt tat-testatur, John Mary Said, Mary mart Joseph Farrugia, Joseph Said u Theresa Carmen mart Farris Batayeh akkwistaw bejniethom is-sehem ta' nofs indiviż (1/2) minn sitt partijiet minn erbgħa u għoxrin (6/24) indiviża, jew aħjar is-sehem ta' parti minn tnejn u tletin parti (1/32) indiviża kull wieħed mill-ulied ta' Louis Said;

11. Illi l-aħħar wild ta' Gio Maria Vella u Teresa née Buttigieg, Carmelo Vella, miet fid-disgħa (9) ta' Diċembru, 2005 (Dokument R), u mir-riċerki testamentarji rriżulta illi kien irregola l-wirt tiegħu permezz ta' testment datat disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru, 1981, fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo (Dokument S), li fih innomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lin-neputija tiegħu Josephine Said. Għaldaqstant, Josephine Said wirtet il-kwota ta' parti waħda minn sitta (1/6) indiviża oħra mill-proprjetà in kwestjoni, biex b'hekk saret proprjetarja ta' sebgħa minn erbgħa u għoxrin parti (7/24) indiviża mill-fond. Il-kwota li ntirtet ġiet debitament dikjarata fid-dikajarazzjoni causa mortis redatta fl-Atti tan-Nutara Maria Grima nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju, 2006 (Dokument T). Ir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti ta' Carmelo Vella huma annessi mal-istess dikjarazzjoni causa mortis;

12. Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat sitta u għorxin (26) ta' Frar, 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima (Dokument U), Josephine Said akkwistat ukoll mingħand Gerald Philip Cridland, Christine Anne divorzjata minn Michael William Binnion, u Susan Lynne mart John William Garratt, aħwa u wlied Angiolina mart Leonard George Cridland, kwota ta' parti waħda minn erbgħa u

the property, and this as described in paragraph number four (4). Therefore, at this point, Josephine Said became the owner of five of twenty four (5/24) undivided shares of this property;

9. That by virtue of a contract of assignment dated first (1st) February, 1982, published in the Acts of Notary Dr Michael Refalo (Document O), Theresa wife of Sam Black ceded and transferred unto Louis Said, husband of her sister Josephine Said, all real and personal rights that she had over the inheritance and succession of her mother Maria Cachia and her sister Rosina Vella (that is one-twenty forth (1/24)) such that Louis Said, together with his wife Josephine Said, became the owner of six of twenty four (6/24) undivided share of the property subject of this application;

10. That Louis Said died on the third (3rd) September, 1988 (Document P). A copy of his public and secret testamentary searches are hereby being attached and marked as Documents P1 and P1. According to the same searches, it results that he regulated his inheritance and succession together with his wife Josephine Said by virtue of a will unica charta published in the Acts of Notary Antonio Galea dated sixth (6th) September, 1972 (Document Q), by virtue of which they nominated their four children their universal heirs. Therefore, upon death of the testator, John Mary Said, Mary wife of Joseph Farrugia, Joseph Said and Theresa Carmen wife of Farris Batayeh acquired jointly the undivided half (1/2) of the six of twenty-four (6/24) undivided shares or rather, each descendant of Louis Said acquired one-thirty-two (1/32) of said property;

11. That the last surviving descendant of Gio Maria Vella and Teresa née Buttigieg, Carmelo Vella, died on the ninth (9th) December, 2005 (Document R), and from the testamentary searches carried out, it resulted that he had regulated his succession by virtue of a will dated twenty-ninth (29th) December, 1981, published in the acts of Notary Dr Michael Refalo (Document S), in which he nominated and instituted as his universal heir his niece Josephine Said. Therefore, Josephine Said acquired one-sixth (1/6) undivided share of property in question, as a result of which she became the proprietor of seven of twenty-four (7/24) undivided shares. The share which devolved unto Josephine Said was declared in the declaration causa mortis published in the acts of Notary Maria Grima on the twenty-fourth (24th) May, 2006 (Document T). The testamentary searches of public and secret wills for Carmelo Vella are attached to the same declaration causa mortis;

12. That by virtue of the deed of sale dated twenty-sixth (26th) February, 2010, published in the acts of Notary Dr Maria Grima (Document U), Josephine Said also acquired from Gerald Philip Cridland, Christine Anne divorced from Michael William Binnion, and Susan Lynne wife of John William Garratt, siblings and children of Angiolina wife of Leonard George Cridland, one-twenty forth (1/24)

għoxrin parti (1/24) indiviża mill-fond in kwestjoni, u sussegwentement saret proprjetarja ta' tmien partijiet minn erbgħa u għoxrin (8/24). Għal kull bon fini l-esponenti qegħdin jannettu kopja tar-ricerki tat-trasferimenti u l-passiv ta' Josephine Said, Joseph Said, John Mary Said, Theresa Carmen Batayeh, Mary Farrugia, Luigi sive Louis Said, Carmelo Vella, Gerald Philip Cridland, Christine Anne Binnion u Susan Lynne Garratt markati bħala Dokument U1;

13. Illi Baskal Cachia kien miżżewweġ lil Esterina Cachia u kienu joqogħdu fl-esteru. Baskal Cachia llum huwa mejjet u l-esponenti m'għandhomx informazzjoni dwar meta huwa ġie nieqes. Lanqas ma jafu bil-preċiż min huma l-werrieta tiegħu. Li jafu biss huwa li miż-żwieġ tiegħu ma' Esterina Cachia, huwa kellu erba' wlied preċiżament lil Salvo Cachia, Melita Cachia, Derna Cachia u Marie Cachia. Minn informazzjoni f'idejn l-esponenti, Melita Cachia llum hija wkoll mejta. Madanakollu, ma jafux meta mietet. L-esponenti lanqas ma jafu min huma l-werrieta ta' Melita Stericker née Cachia. Però jafu li din Melita Stericker għandha żewġ ulied Vicki Stericker u Byron Stericker;

14. Illi abbażi ta' dan kollu, il-proprjetà msemmija hija miżmuma fil-kwoti segwenti:

i. Ir-rikorrenti Josephine Said hija proprjetarja ta' wieħed u għoxrin parti minn tmienja u erbgħin parti (21/48) indiviża,

ii. Ir-rikorrenti John Mary Said, Mary mart Joseph Farrugia, Joseph Said u Theresa Carmen mart Farris Batayeh huma proprjetarji ta' parti waħda minn mija u tnejn u disgħin parti (1/192) indiviża kull wieħed u ċjoè parti waħda minn tmienja u erbgħin parti (1/48) indiviża bejniethom,

iii. Ir-rikorrenti Louis Attard huwa proprjetarju ta' nofs (1/2) indiviż tal-proprjetà ossija għandu tnax minn erbgħa u għoxrin parti (12/24) indiviża u ċjoè erbgħa u għoxrin parti minn tmienja u erbgħin parti (24/48) indiviża,

iv. Illi l-eredi ta' Baskal Cachia għandhom parti waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża bejniethom u ċjoè tnejn minn tmienja u erbgħin parti (2/48) indiviża,

Prospett tal-kwoti u l-valur tal-ishma rispettivi spettanti lill-kontendenti huwa anness u mmarkat bħala Dokument U2 filwaqt li l-arbli tar-razza tal-kontendenti huma annessi u mmarkati bħala Dokument U3 u U4 rispettivament;

15. Illi l-esponenti sabu l-bejgħ ta' dan il-fond u effettivament ġja daħlu f'konvenju datat tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (Kopja annessa u mmarkata bħala Dokument V) li permezz tiegħu l-esponenti ntrabtu li jbigħu s-sehem rispettiv tagħhom lil George u Catriona Scicluna u dan bil-prezz ta' mija u tmienja

undivided share of the property, and subsequently became the owner of eight of twenty-four (8/24) undivided shares thereof. For all intents and purposes the applicants are attaching a copy of the searches relative to the transfers and debts of Josephine Said, Joseph Said, John Mary Said, Theresa Carmen Batayeh, Mary Farrugia, Luigi sive Louis Said, Carmelo Vella, Gerald Philip Cridland, Christine Anne Binnion and Susan Lynne Garratt marked as Dokument U1;

13. That Baskal Cachia was married to Esterina Cachia, and they lived abroad. Baskal Cachia is today deceased, and the applicants have no information regarding when he passed away. They are not even certain who his heirs are. The only information they have is that from his marriage to Esterina Cachia, he had four children, namely Salvo Cachia, Melita Cachia, Derna Cachia and Marie Cachia. The applicants are also aware of the fact that Melita Cachia is also deceased. However, they do not have any information regarding her date of death. The applicants are also not in a position to state who the heirs of Melita Stericker née Cachia are. However, they know that Melita Stericker has two children, Vicki Stericker and Byron Stericker;

14. That in accordance with the above-mentioned, the property described is held in the following shares:

i. The applicant Josephine Said is the owner of twenty one of forty-eight (21/48) undivided shares,

ii. The applicants John Mary Said, Mary wife of Joseph Farrugia, Joseph Said and Theresa Carmen wife of Farris Batayeh are each proprietors of one of one hundred and ninety two (1/192) undivided shares, therefore jointly owners of one of forty eight (1/48) undivided shares,

iii. The applicant Louis Attard is the owner of half (1/2) undivided share of the property, that is, he holds twenty of twenty-four (12/24) undivided shares, that is, twenty four of forty-eight (24/48) undivided shares,

iv. That the heirs of Baskal Cachia have one of twenty-four (1/24) undivided shares between them, that is, two of forty-eight (2/48) undivided share,

Prospect of the shares and the value of the shares, respectively held by the parties is hereby being attached and marked as Document U2 whilst a family tree of the parties is hereby being attached and marked as Document U3 and U4 respectively;

15. That the applicants wish to sell the property and in fact entered into a promise of sale dated twenty second (22th) June of the year two thousand and twenty one (2021), (Copy attached and marked as Document V) by means of which the applicants bound themselves to sell their respective shares to George and Catriona Scicluna and this for the price of one hundred and

u tletin elf ewro (€138,000) għall-intier. Dan il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u għandu n-numru PS 2021 27616 (Dokument W);

16. Illi l-esponenti ppruvaw jagħmlu kuntatt ma' dawk li jistgħu jkunu l-eredi preżuntivi ta' Baskal Cachia li kollha jirrisjedu fl-esteru iżda dawn la għaddew informazzjoni li tikkonferma li huma l-eredi ta' Baskal Cachia, u lanqas ma kkoperaw jew adirixxew għal dan il-konvenju. Dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Inoltre l-istess esponenti kienu fl-impossibbiltà li jivverifikaw dwar min huma bil-preċiż il-werrieta u għalhekk huma qegħdin jagħmlu dan ir-rikors kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ta' Baskal Cachia;

17. Illi l-esponenti jemmnu li dan il-każ jinkwadra ruħu perfettament fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) għas-segwenti raġunijiet:

a) Il-fond in kwestjoni ilu miżmum in komun għal iżjed minn tliet (3) snin,

b) Sal-lum għadu ħadd ma istitwixxa xi kawża quddiem il-Qorti rigward id-diviżjoni ta' din il-proprjetà,

c) Il-komparteċipi ma kkoperawx għall-bejgħ ta' din l-art li fuqha kien mibni l-fond deskritt aktar qabel f'dan ir-rikors u allura l-esponenti qed jassumu li mhumiex jaqblu ma' dan il-bejgħ,

d) L-esponenti Josephine Said, John Mary Said, Mary mart Joseph Farrugia, Joseph Said, Theresa Carmen mart Farris Batayeh u Louis Attard huma fil-maġġoranza stragrande ta' dawk li għandhom sehem mill-proprjetà in kwistjoni. Fil-fatt, l-istess esponenti għandhom tlieta u għoxrin parti minn erbgħa u għoxrin parti (23/24) indiviża, filwaqt li l-eredità ta' Baskal Cachia għandha r-rimanenti parti waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża,

e) L-intimati bla ebda mod mhuma sejrin jiġu preġudikati serjament, anzi l-esponenti jemmnu li l-intimati ma huma se jiġu preġudikati bl-ebda mod, li kieku dan il-bejgħ isir,

f) Il-prezz propost u l-kundizzjonijiet tat-trasferiment hekk kif jirriżultaw mill-konvenju anness huma ġusti, xierqa u vantaġġjużi tenut kont il-kejl ta' dan il-fond, l-istat tiegħu kif wkoll il-lokalità li fih jinsab u ċ-ċirkustanzi kollha relatati mal-istess fond.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

thirty eight thousand euro (€138,000) for the whole. This promise of sale was duly registered with the Commissioner for Revenue and bears the number PS 2021 27616 (Document W);

16. That the applicants tried to make contact with the presumed heirs of Baskal Cachia, all of whom live abroad, however the latter, did not pass on any information which confirmed that they are indeed the heirs of Baskal Cachia, and did not cooperate with or adhere to the promise of sale agreement. This without any valid reason at law. In addition, it was also impossible for the applicants to verify who the actual heirs are, and they are therefore filing this application against curators to represent the inheritance of Baskal Cachia;

17. That the applicants believe that this case falls within the parameters of article 495A of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta) for the following reasons:

a) The property in question has been jointly held for more than three years,

b) To date, no one has ever instituted a cause before this Court regarding the division of this property,

c) The defendants didn't cooperate for the sale of this land on which the property was built, described earlier on in this application and therefore the applicants are assuming that they do not agree with this sale,

d) The applicants Josephine Said, John Mary Said, Mary wife of Joseph Farrugia, Joseph Said, Theresa Carmen wife of Farris Batayeh and Louis Attard have the majority of the shares of the property in question. In fact, the same applicants hold twenty three of twenty four (23/24) undivided shares, whilst the heirs of Baskal Cachia jointly hold only the remaining one of twenty four (1/24) undivided share,

e) The defendants will not be gravely prejudiced, in any manner; rather, the applicants believe that the defendants will not be prejudiced in any way, should this sale be effected,

f) The proposed selling price and conditions of transfer as resulting from the promise of sale agreement hereto attached are just and equitable, when considering the area of the property, it's state and also the locality and all the circumstances related to the said property.

Therefore, the applicants humbly request this Honourable Court:

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta;

2. Tordna notifika ta' dan ir-rikors lill-kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredità ta' Baskal Cachia wkoll fit-termini ta' dan l-istess artikolu suċitat;

3. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ ta' sehem ir-rikorrenti favur George u Catriona Scicluna tal-porzjon raba' li rriżultat wara li waqgħet id-dar bin-numru tnejn (2) ġia numru ħamsa u erbgħin (45) jew numru verjuri, fi Triq il-Knisja, l-Għasri, tal-kejl ta' ċirka mija u żewġ metri kwadri (102 m.k.), u li tmiss Punent mat-triq, Nofsinhar ma' sqaq, u Lvant ma' beni ta' John Abela u John Azzopardi jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tas-sehem spettanti lill-eredità ta' Baskal Cachia minn dan l-istess fond u li għaldaqstant m'hemmx il-ħtieġa li l-fond jiġi stmat minn perit u arkitett inġinier ċivili;

4. Tapprova l-bejgħ propost u konsegwentement tawtorizza u tordna li jsir il-bejgħ skont l-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ai termini tal-konvenju datat tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju, 2021, redatt quddiem in-Nutar Enzo Dimech u dan anke għal dak li jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimati;

5. Tawtorizza li jsiru kwalsijasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment inkluż wkoll li jsiru kwalunkwe dikjarazzjonijiet causa mortis necessarji;

6. Tiffissa jum, ħin u lok fejn għandu jsir it-trasferiment tal-immobbli ai termini tal-konvenju suriferit jew alternattivament skont il-kundizzjonijiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti u jekk neċessarju, kwalsijasi atti pubbliċi oħra u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

7. Tinnomina lin-Nutar Enzo Dimech sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv għall-konvenju suriferit u kwalsijasi atti pubbliċi oħra u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

8. Taħtar u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-att finali.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kollha kontra l-istess intimati.

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar l-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022, fit-8.30 a.m.

2. Order that this application be served unto a curator to represent the inheritance of Baskal Cachia also in terms of the same article above-mentioned;

3. Declare that the proposed price and conditions of sale of the applicant's share in favour of George and Catriona Scicluna of the portion of land that results after the collapse of a house numbered two (2), previously forty five (45) or another number, in Triq il-Knisja, Għasri, Gozo, measuring circa one hundred and two square metres (102 sq. m.) bounded on the West with the street, South with an alley, and East with property of John Abela and John Azzopardi or their successors in title, is just and fair and that the same price and conditions shall apply to the sale pertaining to the heirs of Baskal Cachia from this same property and that therefore there is no need that this property be valued by an architect and civil engineer;

4. Approve the proposed sale and consequently authorise and orders the sale in accordance with article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta and in terms of the promise of sale dated twenty second (22) of June, 2021, drafted before Notary Enzo Dimech and also in respect of the shares pertaining to the defendants;

5. To authorize the execution of any public deeds and/or declarations and/or accessory deeds to the final deed of sale and transfer, which may be necessary so that the final deed of sale and transfer can be published and enrolled, including also any necessary causa mortis declarations;

6. Set a day, time and place where the transfer of the immovable as per terms of the promise of sale agreement or alternatively as per conditions imposed by this Honourable Court, can take place, and if necessary, whichever other public deeds and/or declarations and/or accessory deeds to the final deed of sale and transfer, which may be necessary so that the final deed of sale and transfer can be published and enrolled;

7. Nominate Enzo Dimech or another notary to publish the relative public deed and any public deeds and/or declarations and/or accessory deeds to the final deed of sale and transfer, which may be necessary so that the final deed of sale and transfer can be published and enrolled;

8. Nominate deputy curators, to represent whoever fails to appear on the final deed.

With all judicial expenses of this procedure to be borne by the same respondents.

The application is appointed for hearing for Friday 6th of May, 2022, at 8.30 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 14 ta' Marzu, 2022

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), this 14th of May, 2022

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

447

B'digriet tat-18 ta' Novembru, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Prim Awla, fl-1 ta' Lulju, 2021, mill-Kummissarju tat-Taxxi qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €10782.69 depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 2442/19 fl-ismijiet:

Kummissarju tat-Taxxi vs Anthony J. Abdilla (KI 421452M)

Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien erbat (4) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2021

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 18th November, 2021, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by an application in the Civil Court, First Hall filed on the 1st of July, 2021, by the Commissioner of Revenue, is asking for the withdrawal of €10782.69 deposited by the Schedule of Deposit number 2442/19 in the names of:

Commissioner of Revenue vs Anthony J. Abdilla (ID 421452M)

The Court ordered the notification of this application to the counterparty with a four (4) days to reply.

Registry of the Superior Courts, today Tuesday 23rd November, 2021

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

448

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta' Marzu, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru ħamsa u ħamsin (55) J&J Boatyard, Triq ta' Għadmija, L-Imqabba, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Drazinic Jakov Antun (KI 52120A) u Catherine Louise Drazinic (KI 25508L):

Vettura tal-għamla Suzuki Swift bin-numru tar-reġistrazzjoni BCC591 u chassis numru ZC71S437516.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 2/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Marzu, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 15th March, 2022, on the application of J. Zammit Limited (C37945), Wednesday, 11th May, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at number fifty five (55) J&J Boatyard, Triq ta' Għadmija, Mqabba of the following items seized from the property of Drazinic Jakov Antun (ID 52120A) and Catherine Louise Drazinic (ID 25508L):

Vehicle of the make Suzuki Swift registration number BCC591 and chassis number ZC71S437516.

N.B. The vehicle will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 2/2021.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th March, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

449

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 22/2022BS) minn Michael Saliba, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Rose Saliba, xebba, bint tal-mejtin Joseph Saliba u Antonia Saliva née Zammit, imwielda Victoria, Għawdex, u mietet iż-Żebbuġ, Għawdex, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), intestata. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmija Rose Saliba tiġi ddikjarata miftuħa favur l-eredi tagħha skont il-liġi u ċjoè l-uniku ħuha Michael Saliba, bin il-mejtin Joseph Saliba u Antonia Saliba née Zammit, imwieled Victoria, Għawdex, fil-5 ta' Diċembru, 1967, u residenti 'Ġawhra tal-Konti', Triq Tal-Konti, Iż-Żebbuġ, Għawdex, karta tal-identità numru 168G, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 16 ta' Marzu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the fourteen (14th) of March of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 22/2022BS), Michael Saliba requested the opening of the SUCCESSION of Rose Saliba, maiden, daughter of the late Joseph Saliba and Antonia Saliba née Zammit, born in Victoria, Gozo and died in Zebbug Gozo on the twenty-four (24th) of June of the year two thousand and twenty-one (2021), intestate. That it is necessary that the succession of the said Rose Saliba should be made in favor of his heirs according to the law and that is to her only brother Michael Saliba, son of the late Joseph Saliba and Antonia Saliba née Zammit, borni in Victoria Gozo on the 5th of December, 1967, and residing in 'Ġawhra tal-Konti', Triq Tal-Konti, Żebbuġ, Gozo, identity card number 168G, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 16th March, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

450

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-8 ta' Frar, 2022, Rikors fl-ismijiet Carmel Kevin Busuttil vs Joan Busuttil, Rikors numru 577/21 JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Joan Busuttil, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Carmel Kevin Busuttil (KI 21376M) vs Joan Busuttil (KI 132979M), fil-25 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Carmel Kevin Busuttil (KI 21376M) talab lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara ż-żwieġ tar-rikorrent Carmel Kevin Busuttil minn ma' Joan Busuttil maħlul u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrenti f'sehem indaqs bejniethom.

By means of a decree , given by the Civil Court (Family Section) on the 8th February, 2022, Application in the names Carmel Kevin Busuttil vs Joan Busuttil, Application number 577/21 JPG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Joan Busuttil, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in .the names Carmel Kevin Busuttil (ID 21376M) vs Joan Busutil (ID 132979M) on the 25th November, 2021, the applicant Carmel Kevin Busuttil (ID 21376M) asked this Honourable Court,

1. To declare the marriage of the applicant Carmel Kevin Busuttil, from Joan Busuttil dissolved and uphold the other demands in the application.

With costs to be borne by the applicant in equal shares between them.

Ir-Rikors fl-ismijiet Carmel Kevin Busuttil vs Joan Busuttil, Rikors numru 577/21 JPG, jinsab differit għas-smigħ ghall-24 ta' Marzu, 2022, fis-1.00 p.m.

Notifika Intimata: Tizzi Place, Flat 1, Triq Birżebbuġa, Ħal Għaxaq
23, Triq Dun Ġużepp Naudi, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrat Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 16 ta' Marzu, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application in the names Carmel Kevin Busuttil vs Joan Busuttil, Application number 577/21 JPG, has been deferred for hearing to the 24th March, 2022, at 1.00 p.m.

Notify Respondent: Tizzi Place, Flat 1, Triq Birżebbuġa, Ħal Għaxaq
23, Triq Dun Ġużepp Naudi, Ħal Għaxaq

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 16th March, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

451

